MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2014

Numru. 206/2007

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Stephen J. Gatt)**

**vs.**

**Philip Mario Chircop**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Philip Mario Chircop ta' 29 sena iben Publius u Maria Dolores Abela imwieled Pieta' fil-13.5.1977 u joqghod 26B, Eagle Street, Bormla ID 134578M

1. Billi akkuzat talli fil-3 ta' Novembru 2005 gewwa tas-Sliema ghal habta bejn is-7.00 a.m. u l-1.30 p.m. ikkommetta serq ta' diversi oggetti mill-fond Flat 3, ir-Rokna Apartments, Ix-Xatt ta' Qui-si-sana, Sliema, ghad-dannu tal-familja Grech liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-Lm1000 (elf lira Maltin), u lok.

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg Saviour Grech, mobbli jew immobbli liema ammont ta' hsara ma jiskorrix il-hames mitt lira Maltin imma izjed minn hamsin lira Maltin.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali fit-28 t'April, 2009[1], fejn deherlu li tista' tinstab htija taht:

(a) Fl-artikoli 18, 261(b)(c)(e), 263(a)(b), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2), u 281(1) u tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 18, 325(1), 330 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 17, 23, 23B, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fit-3 ta' Novembru 2005 sar serq bi sgass f'appartament tas-Sliema ghad-dannu ta' Saviour u Carmen Grech. Dan l-appartament huwa wkoll ir-residenza tal-konjugi Grech.
2. Dan is-serq sehh bejn is-7.00a.m. u is-1.30pm u sar ghad-danni ta' Saviour u Carmen, konjugi Grech.
3. F'dan is-serq gew misruqa is-segwenti oggetti:
   (i) zewg arloggi li jiswew LM100 il-wiehed;[2]

[1] Ara fol. 109 tal-process.

(ii) LM600 fi flus kontanti;[3]

(iii) Diversi oggetti tad-deheb tal-valur ta' circa LM1000.[4]

Ghalhekk il-valur totali tal-oggetti misruqa huwa ta' LM1, 800.00.

4. In oltre, bl-isgass, il-bieb tal-flat sofra hsara li biex tissewwa tehtieg is-somma ta' circa LM350 u kellu jinbidel il-lokk tal-bieb, liema lokk jiswa LM60. Ghalhekk il-hsara totali hija ta' LM410.00.

5. L-impronti digitali li instabu fuq l-oggetti fil-flat gew komparati ma dawk tal-imputat, u r-rizultat kien pozittiv.[5]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar Htija**

Il-Qorti tosserva illi d-difiza bl-ebda mod ma ikkontestat l-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u l-provi li resqet id-difiza kienu jirrigwardaw biss il-fatt li fil-mori ta' dawn il-proceduri l-imputat irriforma ruhu, kwistjoni li hi rilevanti biss ghal fini ta' piena. L-imputat ma ghamel l-ebda tentattiv biex jaghti spjegazzjoni ghalfejn l-impronti digitali tieghu instabu fuq oggetti fir-residenza tal-konjugi Grech.

Ghaldaqstant, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova z-zewg imputazzjonijiet kontra l-imputat sal-grad rikjest fil-kamp penali, u ghaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Pero, il-Qorti ma issibx lill-imputat hati taht l-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali (reat kontinwat) imsemmi fl-Artikoli tal-Avukat Generali.

Kif intqal iktar il-fuq, l-oggetti misruqa jammontaw ghal LM1,800.00, liema oggetti ma gewx ritornati lill-konjugi Grech. In oltre, il-hsara fuq il-bieb tal-appartament tal-konjugi Grech minhabba l-isgass, tammonta ghal LM410.00.

---

[2] Ara xhieda ta' Saviour Grech a fol. 39 tal-process.
[3] Ara xhieda ta' Carmen Grech a fol. 62 tal-process.
[4] Ara xhieda ta' Carmen Grech a fol. 91 tal-process.
[5] Ara relazzjoni tal-espert Ivan Portelli a fol. 45 tal-*Proces Verbal* li jinsab ezebit bhala Dok. MM a fol. 35 tal-process, u x-xhieda ta' Ivan Portelli a fol. 96 *et seq.* tal-process.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Il-Qorti ikkunsidrat li fil-fazi tal-investigazzjoni, l-imputat ma ikkoperax mal-pulizija. In oltre il-fedina penali tieghu hija wahda raffrettarja, tant li fiha 44 kundanna minn dawn il-Qrati, li l-parti l-kbira taghhom huma relatati ma' serq.

Pero fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-imputat ghamel programm mal-Caritas ghar-riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, li temmu b'success fl-2009. Huwa baqa' *clean* mid-droga u ma jirrizultax li rega' xellef difrejh mal-gustizzja. Ghandu relazzjoni stabbli u fejn jista' jsib xoghol, jahdem, stante li dan mhux facli in vista tal-kondotta raffrettarja tieghu. [6] Bejn l-2006 u l-2013 huwa kien qieghed jigi segwit mill-Ufficjal tal-Probation Mary Rose Farrugia, taht diversi ordnijiet tal-Probation, li stabbiliet rapport importanti ghall-imputat.[7]

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Rittmar Hatherly** et deciza fid-9 t'Ottubru 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[8] irriteniet hekk: *"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979):*

*"The term 'inadequate recidivist' is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited ... ... As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).*

Minn dak li fuq inghad, il-Qorti hija sodisfatta, li l-imputat ghamel l-almu tieghu biex jeghleb il-vizzju tad-droga u jitbieghed mit-triq tal-kriminalita u issa qed jaghmel l-almu tieghu biex jirrintegra ruhu fis-socjeta'. Il-Qorti se tiehu dawn il-fatturi in konsiderazzjoni, meta se tigi biex tinfliggi l-piena.

---

[6] Ara xhieda ta' Jean Cali a fol. 111 *et seq.* tal process u xhieda tal-Probation Officer Mary Rose Farrugia a fol. 118 *et seq.* tal-process, u a fol 130 *et seq.* tal-process.
[7] Ara xhieda ta' Dott. Joseph Brincat a fol. 133 tal-process.
[8] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano

Inoltre, ghal fini ta' piena, it-tieni reat ta' danni volontarji huwa assorbit f'dak ta' serq aggravat fl-ewwel imputazzjoni, stante li serva bhala mezz ghal fini, ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 267, 269(g), 278, 279(b), 280(1) u (2), 325(1)(b), 17(h), 31 u 20 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn (2), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hati, ihallas is-somma ta' hamest elef mija u seba' u erbghin Euro u tnejn u disghin centezmu (€5147.92) (ekwivalenti ghal elfejn, mitejn u ghaxar Lira Maltija (Lm2,210) lill-konjugi Saviour u Carmen Grech fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, rapprezentanti l-oggetti misruqa, u r-riparazzjoni tad-danni lilhom kagunati.

A tenur ta' l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda ma' din is-sentenza sospiza l-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien tlett snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Supervizjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4), 28G(8) u 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u/jew jekk jonqos li jhallas lill-parti offiza l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq u/jew jekk jikser xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-Ordni tas-Supervizjoni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, u ghar-ragunijiet indikati f'din is-sentenza tirrakkomanda li l-Ufficcjal Sorveljanti tkun Mary Rose Farrugia.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------